**MINUTI LAQGĦA NUMRU 46**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn 9 ta' Mejju 2022, fl-16:41 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 46.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

46.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 46.2 Aġġornament fuq il-programm EUISM

46.2.1 Għal din il-parti tal-laqgħa kien mistieden is-sur Paul Fenech. Il-Kunsilliera qablu li dan l-item jimxi għal fuq quddiem tal-aġenda.

46.2.2 Is-Sur Fenech qal li hu dejjem disponibbli għal Kunsill tal-Qala, u stieden lill-Kunsilliera jitkellmu miegħu fuq kull idea li li jkun hemm.

46.2.3 *Talba biex jiżdied in-numru tad-delegazzjoni Maltija għall-konferenza ta' Canale Monterano*

46.2.3.1 Is-Sur Fenech qal li sar jaf li kien hemm talba biex jikber in-numru tad-delegazzjoni għal Konferenza tal-Italja. Issejħet laqgħa biex tiġi indirizzata din it-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

talba. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Fenech, is-Sindku ta' Canale Monterano u s-Sur Angelo Ciocchetti.

46.2.3.2 Minn din il-laqgħa ħareġ li jrid ikun hemm distinzjoni bejn il-ġemellaġġ u programmi ta' dan it-tip bħal ma hi l-konferenza li ser ssir fil-ġimgħat li ġejjin. Fil-kuntratt li kellu jiġi ffirmat bejn il-Kunsill tal-Qala u l-Unjoni Ewropea dwar il-programm "EUISM", originarjament kien hemm imniżżel li d-delegazzjoni mill-Kunsill tal-Qala għal dawn il-Konferenzi kellha tkun magħmula minn 4 persuni biss. Saret ħidma u ntlaħaq ftiehmim biex jattendu 5, u s-segretarju. Għalhekk il-kuntratt jgħid il-Qala għandu jkollu 6 parteċipanti mistiedna għall-konferenzi. Is-Sur Fenech qal li hi "common practice" li s-Sindku isiefer lil mara miegħu.Minn dan l-aspett, is-sur Fenech iċċara li hu jkun preżenti bħala rappreżentant tal-kumpannija ACE20.

46.2.3.3 Biex jikkonkludi fuq dan is-suġġett, is-Sur Fenech qal li mhuwiex possibbli li jiżdied n-numru tad-delegati; anke għaliex diġa' kien hemm ilment minn delegazzjoni barranija, dwar in- numru tad-delegati tal- Kunsill tal-Qala. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa kif jista' jkun dan, jekk l-ispejjeż ħa jitħallsu min-nies stess? Is-Sur Fenech qal li dan, skond is-Sur Ciocchetti, mhux possibli; għax hu jimxi mar-regolamenti.

46.2.3.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li waqt laqgħa tal-Kunsill intqal li kulħadd se jkollu kamra waħdu. B'mod informali (il-Kunsillier Karl Buttigieg) staqsa jistgħux jitilgħu xi oħrajn u kulħadd iħallas tiegħu. Is-Sur Fenech tenna li s-Sur Ciocchetti għamel enfasi li li ma tistax issir. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li dawn in-nies xorta' jistgħu jiġu, jħallsu biljett, jikru karozza u jiġu wara l-bqija tal-grupp. Is-Sindku qal li min irid, jista' jagħmel hekk imma l-Kunsill ma jistax jidħol responsabbli.

46.2.3 Is-Sur Fenech qal li fadal isiru preżentazzjonijiet mill-Kunsilliera Joseph Buttigieg u Karl Buttigieg. Għall-Konferenza ta' Canale Monterano jmiss lill-Kunsillier Joseph Buttigieg. Is-Sur Fenech qal li l-presentazzjoni għandha tkun twila 15-il minuta, u trid tkun ibbażata fuq il-*visuals*. Il-*focus* irid ikun fuq il-politika tal-Gvern ta' Malta viz a viz l-Unjoni Ewropeja u r-Russia. Is-suġġett tal-konferenza ser ikun "Euroskepticism and Critical thinking".

46.2.4 Is-Sur Fenech qal li issa l-Kunsill irid jibda' jaħseb għal programm ieħor wara li jispicca EUISM. Stieden lil kunsilliera biex jekk għandom *contacts* għal project partners, iressquwom 'il quddiem.

46.2.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li jrid jinħadar bord ta' evalwazzjoni għat-tender għal akkomodazzjoni u servizzi marbuta mal-Konferenza tal-EUISM li ser issir Għawdex.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Il-Kunsilliera qablu li jiġu maħtura s-sinjuri William Sultana, John Buttigieg, Paul Fenech bħala membri tal-imsemmi bord.

46.2.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq skeda li fiha tiġbor stimi għal biljetti tal-ajru biex il-Kunsill jattendi għal Konferenza EUISM ta' Canale Monterano. Il-Kunsilliera qablu li tiġi aċċettata l-offerta ta' Tristar Travel. Is-Sindku qal biex issa nibdew naħsbu wkoll għal *travel insurance*.

## 46.3 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

46.3.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għamlet referenza għal minuta numru 45.4.3. Talbet li din il-minuta tkun aktar dettaljata dwar x'intqal. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jirrevedi din il-minuta u jiċċirkolaha għall-konsiderazzjoni tal-Kunsilliera.

46.3.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għamlet referenza għal minuta numru 45.4.6 fejn hi stess kienet semmiet li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex biex issir bozza li taħdem bix-xemx. Talbet li fil-minuti jiġi ċċarat li din il-bozza tkun "solar powered".

46.3.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għamlet referenza għal minuta numru 45.4.2. Ġie mitlub li fil-minuti jkun speċifikat li t-tweġiba lil Dr Dabone intbgħatet bil-fomm, ma ommu.

46.3.4 Ma kienx hemm aktar talbiet għal korrezzjonijiet u għalhekk, b'eċċezjoni għal para 45.4.3 li tibqa' pendenti; il-minuti ta' laqgħa umru 45 ġew maqbula hekk kif imniżżel hawn fuq.

## 46.4 Komunikazzjoni tas-Sindku

46.4.1 Wara li tnadfet it-trunċiera, xi residenti pproponew lis-Sindku biex din tibda' tinfetaħ għal ftit sigħat fi tmiem il-ġimgħa. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li għandu jsir ftit reklamar għal meta' tinfetaħ, biex in-nies ikunu nfurmati. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li ssir *open day*, jew li tiġi organizzata attivita' b'rabta ma dan il-ftuħ.

46.4.2 Is-Sindku qal li l-arblu fi Ġnien il-Familja tpoġġa f'postu, u li l-bandiera qiegħda tittella' wkoll.

46.4.3 Is-Sindku qal li saru żewġ attivitajiet ta' tindif. Waħda attenda għaliha l-Kunsillier Karl Buttigieg u oħra attenda għaliha l-Kunsillier Joseph Buttigieg.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

46.4.4 Is-Sindku qal li bħalissa l-ħaddiema qed imorru kull jum jippruvaw jixtru l-*cold mix*. Teżisti problema peress li l-fornitur mhux qed ikollu, u għalhekk ċerti toroq ma jistgħux jissewwew.

46.4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret talba biex tiċċaqlaq *bus stop* fi Triq il-Wileg iżda fejn ġiet proposta kienet f'parti dejqa ħafna tat-triq. Din il-talba ġiet rifjutata.

46.4.5 Is-Sindku qal li qed isiru diskussjonijiet mar-reġjun biex il-bereġ tas-saħħa ikunu jipprovdu aktar servizzi. It-tmexxija tal-Kulleġġ u l-iskola wrew li jridu lura din il-kamra imma s-Sindku u l-Kunsill ma jaqblux li din il-kamra tingħata lill-iskola.

46.4.6 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret fil-Kunsill dwar l-għeluq tal-pjazza. Is-Sindku reġa' tenna l-pożizzjoni tiegħu kontra li tingħalaq, u elenka ir-raġunijiet tiegħu għal dan.

46.4.7 Is-Sindku qal li wara snin ta' tenders, id-Dipartiment Kunsilli Lokali ta' permess biex tingħata *direct order* ħalli jinxtara pickup truck għal-użu tal-Kunsill. Issa jmiss nikru jew nixtru garaxx biex fiħ jinżamm kemm it-truck kif ukoll xi għodda u makkinarju li għandu l-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu fuq il-prinċipju li jibda l-proċess ta' studju dwar x'jista' jsir f'każijiet bħal dawn.

46.4.8 Is-Sindku ppreżenta stima għal *rubbish bins* għal Ġnien il-Familja. Ħa jkun hemm bżonn jinxtraw bejn 6 u 8. Il-Kunsill iddiskuta l-istima. Is-Sindku spjega li l-mudell propost huwa 9cm ikbar mid-daqs *standard*, u dan għaliex issa qed ikun hemm aktar nies jattendu din iz-zona. Il-Kunsill approva din l-istima.

46.4.9 Is-Sindku qal li saret talba permezz ta' *email* lid-Direttur Rural Gozo dwar żbir siġar tal-pjazza; u li bħalissa qed nistennew risposta dwar dan.

46.4.10 Is-Sindku semma li t-tabelli (*traffic signs – keep left*) għar-*roundabouts* waslu, u fil-ġranet li ġejjin ser ikunu qed jitwaħħlu. Issa ġew ordnati tabelli oħrajn (vleġeġ) ukoll.

46.4.11 Is-Sindku qal li twaħħlu plakek taċ-ċeramika f'numru ta' postijiet, u stieden lil Kunsilliera biex jipproponu fejn hemm bżonn isiru dawn ukoll.

46.4.13 Is-Sindku qal li saru xogħlijiet fit-*toilets* tal-pjazza. Inbidlu s-*seats* u saru żewġ passati żebgħa.

46.4.14 Is-Sindku semma li saret talba lil Aaron Curmi biex f'isem iż-żgħażagħ tal-Parroċċa jagħtuna stima għall-ikel waqt il-Qala International Folk Festival (QIFF). Is-Sorijiet ta' Għajnsielem mhumiex iraqqdu nies għandhom minħabba l-COVID; u għalhekk is-Sindku qal li hu mar għand il-Fundazzjoni Arka. Il-Kunsill qabel ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

46.4.15 Is-Sindku semma li jinsab infurmat li l-kamra li nbniet ħdejn l-impjant tal-ilma ġewwa Hondoq daqt ser tgħaddi f'idejn il-Kunsill. Din ser tintuża mill-cleaners tat-toilets ta' Hondoq biex ipoġġu affarijiet li jużaw.

46.4.16 Is-Sindku qal li mar darbtejn għand Axiaq biex jingħata stima għal mafkar tal-gwerra. L-iskrivani ukoll tkelmu ma marmista għal daqs u stima, imma hawn ukoll għadhom jistennew li jingħataw l-istima.

46.4.17 Is-Sindku semma li l-bank li hemm miksur fil-Belvedere ser jinbidel u minfloku ser isir wieħed tal-istess daqs.

46.4.18 Dwar ir-railings tal-ħadid fir-*roundabouts* ta' Triq Simar u Triq San Ġużepp is-Sindku qal li hu jaf b'żewġ ħaddieda. Wieħed qal li ma jistax u l-ieħor għadu ma ġiex jieħu l-qisien biex iħejji stima.

46.4.18 Is-Sindku qal li intbgħatu ħafna emails lill-kuntrattur biex isir il-*patching* meħtieġ fi Triq Indipendenza, iżda dan għadu ma ġiex.

46.4.19 Is-Sindku semm kif il-*Fireworks festival*, l-ewwel ġie kanċellat minħabba maltemp. Imbgħad spiċċa sar post ieħor minħabba li Hondoq huwa site "*Natura 2000*".

46.4.20 Is-Sindku qal li sinjal ta' *give way* fit-triq ta' Hondoq ser titwaħħal fuq arblu tad-dawl, għax meta twaħħal ma kanna normali kienu qed jaqlawħ kull darba. L-arblu inxtara *second hand* għal EUR80 mingħand l-Enemalta.

46.4.21 Is-Sindku semma li qed isir xogħol ta' livellar tal-art minn ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex fi Ġnien il-Familja, fejn ser jitwaħħlu l-*Gzebos*.

46.4.20 Is-Sindku qal li intbgħatu diversi emails lil Ministeru għal Għawdex dwar il-ħtieġa li titranġa Triq taċ-Ċawl li qiegħda tisfronda, imma sa issa għadu ma sar xejn.

46.4.21 Is-Sindku tkelem dwar l-aggressjoni li saret fuqu quddiem żewġ ħaddiema. Ingħata parir li peress li dan l-aċċident hu marbut ma xogħol ta' Kunsill, allura jitqabbad l-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

46.4.22 Is-Sindku qal li l-Water Services Corporation biddlu parti mill-*main* tal-ilma fl-isqaq "ta' Bertu" fi triq il-Wardija. Issa saret talba biex jintuża apparat ħalli jitkejjel il-pressa fi sqaq ieħor.

46.4.23 Is-Sindku qal li l-Ministru nfurmaħ li x-xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ fi Triq il-Wardija ser jitkompla dalwaqt.

46.4.24 Is-Sindku semma li qed jinbnew ħitan tas-sejjieħ fi Triq tas-Salib, triq il-Fortin ta' Sant' Antnin u ħdejn il-grawnd tal-futbol. Dan ix-xogħol qed isir minn ħaddiema tal-Minsteru għal Għawdex. Is-Sindke qal li mar fuq lantijiet tax-xogħol diversi drabi u jidher li qed isir xogħol tajjeb.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

46.4.25 Is-Sindku qal li ħa jibda x-xogħol fuq il-*playing field* Maġistrat Salvu Attard. Hu irringrazja lill-Perit Godwin Sultana u lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv għal ħidma tagħhom. Is-Sindku irrimarka li minkejja li ngħata l-ogħla prijorità minnu, xorta waħda l-Kunsill sab ma wiċċu ħafna ostakoli fuq dan il-proġett.

46.4.26 Is-Sindku qal li mill-ministeru nfurmawh li salib it-toroq fejn Triq l-Imġarr tingħaqad mat-toroq għal Għajnsielem u Nadur ser issir *roundabout*. Hu radd ħajr lill-Ministeru ta' din l-inizjattiva tant importanti għall-Qalin.

46.4.27 Is-Sindku qal li ta struzzjonijiet biex il-Belvedere, għall-pjazza, ikun qed jibda jitnaddaf kuljum. F'dawn il-ġranet tnaddfet ukoll l-għalqa ta' madwar il-Ġebla l-Wieqfa.

46.4.28 Is-Sindku qal li ġie avviċinat Dr Alan Deidun fir-rigward ta' *scuttling* ta' vapur fil-limiti tal-Qala. Dr Deidun talab kopja tal-istudju li sar sa issa mingħand l-awtoritajiet. Il-Kunsill qiegħed jara minn fejn jista' jinġieb dan id-dokument.

46.4.29 Is-Sindku qal li l-Kunsill bagħat lill-Enemalta biex arblu tad-dawl li jinsab fi triq l-Imġarr ikun jista' jinqala' u jitpoġġa fuq il-linja tal-qasma bejn propjetajiet.

46.4.30 Dwar il-bozoz li ma hemmx jaħdmu fuq il-Belvedere, is-Sindku qal li jixtieq jiċċara xi punti. Is-sindku ma kienx jaf li dawn ma kienux qed jixgħelu. Wara l-maltemp intalbu diversi stimi biex ikunu jistgħu jinbidlu bil-fanal b'kollox. Kunsill jaqbel per prinċipju ma dan imma jrid ikollna tal-inqas tliet stimi biex tkun tista' ssir ordni.

46.4.31 Is-Sindku qal li tkellem mal-operaturi tad-dgħajjes ġewwa Hondoq fir-rigward tal-iswimmers zone li minn din is-sena ser tkun ikbar.Jidher li dawn mhux ser jiġu affetwati.

46.4.32 Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li aktar tard fl-istess ġurnata r-Reġjun għandu japprova r-rifużjoni għal spejjeż ta' appelli għal svilupp magħmula mill-Kunsill . L-ammont ta' spejjez li ser jiġu rifużu hu ta' madwar €2,500.

46.4.32 Is-Sindku semma li l-Kunsill ġie nfurmat minn Dr Camilleri (Transport Malta) li ma kienitx qiegħda tidħol ix-xogħol peress li kienet fuq leave u għalhekk għada ma ressqitx data għal meta stajna nilaqgħu magħh. Suppost l-appuntament għandu jingħata fil-futur qarib.

46.4.34 Is-Sindku qal li rċieva bosta lmenti minn resident dwar applikazzjoni għal żvilupp fiz-zona tal-Belvedere. Is-Sindku qal li mhux ġust li l-Kunsill jidher bħal li kieku noġġezzjonaw kontra kuntrattur wieħed biss[1]. Is-Sindku talab lil Kunsilliera biex qabel

[1] Ara wkoll minuta 46.6



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

tittieħed xi deċiżjoni, huma jikkunsidraw l-impatt soċjoloġiku, ambjentali u traffiku kemm fuq min joqgħod qrib żviluppi bħal dawn, kif ukoll fuq ir-raħal b'mod ħolistiku.

## 46.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

46.5.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li ssir talba għal laqgħa mal-Ministru għal Għawdex bis-suġġetti ikunu (a) xiri u nstallazzjoni ta' *solar street light*, u (b) xogħol u servizzi fuq sqaqien. Il-Kunsill qabel ma dan. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab lil Kunsilliera biex min ikollu suġġett/i biex jitressqu għall-aġenda tal-laqgħa mal-Ministru jgħadduwomlu.

46.5.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar it-talba għal *loading/unloading bay* hdejn il-Ur Choice Supermarket. Il-Kunsilliera qablu li dan is-suġġett jitqajjem meta niltaqgħu ma Transport Malta. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak saħqet li hu importanti li din il-laqgħa ssir.

46.5.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li xorta għad hemm problem ta' pressa fl-ilma fi sqaqien partikulari fil-Wardija. Il-Kunsill iddiskuta fuq *way forward* ħalli tissolva din il-problema. Intlaħaq qbil li din il-problema tissemma fil-laqgħa mal-Ministru Camilleri. Barra minn hekk is-Sindku u l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ser jiltaqgħu Engineer tal-Water Services Corporation.

46.5.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ppproponiet li l-isqaqien fi triq il-Wardija jingħataw kollha isem. Il-Kunsill jaqbel unanimament, u ser tkun qiegħda ssir talba għal dan l-effett lill-i*street naming committee*.

46.5.5 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li hemm bank maqlugħ fi triq il-Mitħna. Is-Sindku ħa jkun qed jitlob lil ħaddiema biex isewwuħ.

46.5.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar ir-rigal li jrid jingħata lis-saċerdot novel Fr Gabriel Vella. Il-Kunsill qabel li dan jingħata dak inhar tal-*prima messa*.

46.5.7 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak irrappurtat li hemm toqba kbira fi Triq il-Wardija li jkun aħjar kieku timtela'. Il- Kunsillier Karl Buttigieg żied mal-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak li hemm diversi partijiet fi Triq il-Wardija li jeħtieġu manutenzjoni. Is-Sindku wieġeb li hemm problema biex jinxtara l-*cold mix* u li malli jkollna l-ixkejjer din ser iduru din it-triq u jsewwu fejn meħtieġ bil-*cold mix*.

46.5.8 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar xogħol li ser isir fuq is-sistema tad-drenaġġ fi triq il-Wardija. Tajjeb li min għandu x'jaqsam ma dan ix-xogħol iżommu f'moħħom li resqin lejn il-perjodu tal-festa u minn hemm tgħaddi l-purċissjoni



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

46.5.9 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar meta ser jitnaddaf il-ħaxix ħażin minn Triq il-Wardija. Is-Sindku wieġeb li ser nibgħatu l-ħaddiema.

46.5.10 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar meta ser jibdew it-tiswijiet fuq ir-roundabouts. L-Aġent Segretarju Eżekutti għarraf lill-Kunsilliera li l-kuntrattur beda x-xogħol fuq il-*playing field* Maġistrat Salvu Attard.

46.5.11 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar l-*Online Permit System* li qiegħda tiġi ntrodotta fil-Kunsilli Lokali dawn il-ġranet. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament lil Kunsilliera dwar din is-sistema ġdida.

46.5.12 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar ismijiet tat-toroq. Semma li hemm tabella waħda nieqsa Triq Lord Strickland; kif ukoll ippropona li jsiru tabelli ġodda għal Triq Dun Anton Sultana. Is-Sindku qal li sa issa l-Kunsill għadu ma rċieviex approvazzjoni mill-*istreet naming committee* fir-rigward ta' Triq Dun Anton Sultana, imma malli jkun jasal il-permess din it-tabella se ssir minnufiħ.

46.5.13 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa kienx hemm żviluppi dwar it-talba għal *zebra crossing*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li din il-materja tigi inkluża għad-diskussjoni fil-laqgħa li għanda ssir ma *Transport Malta*.

46.5.14 Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa biex il-Kunsill jibda' jaħseb għaż-żbir tas-siġar tal-Pjazza, ħalli dan jilħaq isir qabel il-festa. Is-Sindku wieġeb li hu diġa kien qed jiġri wara l-kuntrattur għal stima.

46.5.15 Dejjem fuq il-ġimgħa tal-festa, l-Kunsillier Karl Buttigieg talab li l-Kunsill jitkellem mal-Parroċċa biex ikun hemm ftiehim dwar min miż-żewġ entitajiet ser ikun qed jitlob li l-Pjazza tingħalaq.

46.5.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li jiġi organizzat *Craft Fair*, u li jinġiebu *stalls* għal din l-attività. Il-Kunsill qabel ma dan. Fir-rigward tal-i*stalls*, is-Sindku qal li nitkellmu mal-Ministeru.

46.5.17 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li ġie avviċinat mit-taqsima tal-*active ageing* biex ikunu jistgħu isiru jerġgħu jibdew it-tombli/coffee mornings fis-sala tal-Kunsill tal-Qala. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jara meta hemm ġranet disponibbli f'dan ir-rigward.

46.5.18 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak pproponiet li jsir taħrig informali tan-*needlework* lit-tfal matul is-sajf. Il-Kunsill qabel ma dan.

46.5.19 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ġibed l-attenzjoni li l-ordinazzjoni presbiterali ta' Dun Gabriel Vella se ssehh fil-*weekend* tal-Karnival. Staqsa hemmx ippjanati xi attivitajiet tal-Karnival għal dawk il-ġranet. Is-Sindku wieġeb li le.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

46.5.20 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel referenza għal li qal is-Sindku waqt l-istqarrijiet fir-rigward tar-roundabout li ser issir fi Triq l-Imġarr. Staqsa hux ta' min jikkunsidra li isiru toqob għal arbli u jitgħadda d-dawl minn qabel għalihom madwar l-istess roundabout waqt li jkun għaddej ix-xogħol, ħalli jiġi evitat li jkun hemm bzon terġa' tinqala fil-futur. Issemmiet ir-roundabout tax-Xewkija bħala eżempju. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. Is-Sindku se jkun qed ikellem lil Perit inkarigat.

46.5.21 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li kellmu sid ta' dar fi Triq il-Wileġ. Meta nbnew il-*farmhouses* fiz-zona tiegħu kienu saru fanali għad-dawl. Issa nbnew minnhom il-ġewwa u hemm id-dlam. Staqsa jistax isir jsir fanal ieħor? Il-Kunsill qabel ma dan u ser ikun qed jikkomunika mal-kuntrattur fuq dan is-suġġett.

46.5.22 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li hemm ħafna bużbież ħażin f'Għajn Ħaġar. Is-Sindku ħa l-ħaddiema f'dik it-triq illum, u dawn il-ħaddiema ser ikunu qed jiġu mogħtija taħriġ biex ikunu jistgħu jużaw għal grass cutter.

46.5.23 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li hemm ħafna ħaxix ħażin fi triq il-Wardija. Is-Sindku wieġeb li dan kien inqata' illum.

46.5.24 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li fi triq Wardija minn fejn il-monument ta' Patri Ġużepp Portelli hemm xi ħofor.

46.5.25 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li hemm *pot* miksura fi Triq Grunju. Is-Sindku u l-Kunsillier Joseph Buttigieg qalu li din tinsab ordnata.

46.5.26 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li l-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Grunju ser isiru.

46.5.27 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa kienx hemm xi żviluppi fuq il-każ tal-iskips maħruqa. Is-Sindku wieġeb lil-aħħar informazzjoni li kellu kienet li l-pulizija għadom qed jistennew ic-charges joħorġu mill-qorti.

46.5.28 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapoprta li hemm hofra fiz-zona ta' Kassja, quddiem il-familja Vella. Is-Sindku wieġeb li din ser tkun qiegħda tissewwa xhin jasal il-*cold mix*.

46.5.29 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa, issa li r-restrizzjonijijet tal-COVID naqsu jistax il-Kunsill jikkunsidra li jerġgħu jibdew il-ħargiet għall-anzjani? Is-Sindku qal li xtaq iqajjem dan is-suġġett fl-istqarrijiet, u staqsa lill-Kunsill jaqbilx jekk tiġi ppjanata ħarġa fl-istess post fejn kienu jmorru qabel, f'Marsalforn. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

## 46.6 Oġġezzjoni dwar l-applikazzjoni għal żvilupp numru PA 1774/22



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

46.6.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg beda l-intervent tiegħu billi qal li la hu favur anqas kontra l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija. Il-problema hi li bħala proċedura fil-Kunsill dejjem kienet li jekk tinħareġ applikazzjoni f'zona ODZ, l-uffiċċju tal-Kunsill javża lil Kunsilliera u imbgħad jekk il-Kunsilliera jaqblu tiġi sottomessa oġġezzjoni. Hu qal li ħafna nies javviċinawħ dwar applikazzjonijiet għal żvilupp. Staqsa jekk se noġġezjonaw fuq permess *within development zone* x'se tkun ir-riga tal-Kunsill? Semma li hemm diversi applikazzjonijiet li ser jogħlew 'il fuq, imma sa issa ma kienux saru oġġezzjonijiet mill-Kunsill. Qara email li intbgħatet minn Dr Claire Bonello lill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li ma jidhirlux li bħala Kunsill kellha titqabbad avukata u l-kunsilliera ma jafux.

46.6.2 Is-Sindku qal li punt tiegħu issemma fl-istqarrijiet, u kien ħa l-impressjoni li kien hemm qbil li ssir l-oggezzjoni[2].

46.6.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li sar zball għaliex din l-oġġezzjoni ma setgħatx intbgħatet. Is-Sindku wieġeb li jiżbalja biss min ma jagħmel xejn.

46.6.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa kif ser nibqgħu fuq din l-applikazzjoni, x'riga ħa nużaw?

46.6.5 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li dejjem oġġezzjonajna għal applikazzjonijiet f'zona ODZ, u fejn mhux ODZ hemm il-PA u l-policies tagħhom. Qal li sar żball meta ntbgħatet din l-oġġezzjoni. Hu mhux favur li noġġezjonaw għal applikazzjonijiet "*within development zone*".

46.6.6 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jekk f'dan il-kaz Dr Bonello hijiex ser titħallas mil-Kunsill. Issuġġerixxa biex f'dan il-każ l-oġġezzjoni issir f'isem is-Sindku mhux f'isem il-Kunsill.

46.6.7 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li ħafna nies tkelmu magħha u hi qaltilom li Kunsill ma jidħolx jekk ma jkunx ODZ.

46.6.8 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li hu kontra bini f'ODZ.

46.6.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa jekk hux ħa nibqgħu noġġezjonaw ODZ biss, jew nibdew anke within development zone?

46.6.10 Kunsilliera qablu li noġġezzjonaw biss għal applikazzjonijiet li jsiru fuq art ODZ. Is-Sidnku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat email lil Dr Bonello ħalli tiġi irtirata l-oġġezzjoni għall-applikazzjoni hawn fuq imsemmija.

[2] Ara minuta 46.4.36



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 46.7 Aġġornament għal sejħiet kwotazzjonijiet għal servizz ta' *Locality Assistant* u *Outdoor Gym Equipment*

46.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsill li iż-żewġ sejħat għal kwotazzjonijiet hawn fuq imsemmija bħalissa jinsabu fl-istadju fejn jistgħu jiġu appellati.

46.7.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal talba li saritlu mill-Viċi Sindku Ivan Cefai biex f'din il-laqgħa jattendi s-Sur Joseph Sancto. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera dwar il-proċess minn meta jiġi aċċettat ir-rapport ta' bord ta' evalwazjoni sa ma ssir il-firma tal-kuntratt. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li peress li l-proċess għadu m'huwiex għadu fi stadju li jista' jsir appell, talab parir mingħand id-Dipartiment dwar jistax il-Kunsill jiltaqa' ma wieħed mill-bidders. Id-direzzjoni mogħtija lilu mid-Dipartiment kienet biex ma ssir ebda komunikazzjoni ma ebda *bidder* sakemm il-proċess ikun magħluq u l-kuntratt iffirmat. Is-Sindku talab biex din id-direzzjoni tiġi mehmuża mal-minuti (**Appendiċi "1"**).

46.7.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li bħala Kunsill ilna 6 xhur ilna għaddejjin fuq il-*locality assistant*; imma rieda min-naħa tal-kunsill ma hemmx. Hu talab laqgħa ms-sur Sancto biex dan jgħid x'qed iweġġgħu u jiġu ċċarati d-differenzi. Xħin l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Sancto mhux ġej hu u l-Kunsilliera Valerie Cassar Meilak għażlu li joħorġu stqarrija, biex din tiġi mehmuża mal-minuti (**Appendiċi "2"**).

46.7.4 L-istqarrija tagħti kronoloġija ta' kif seħħew l-affarijiet minn Ottubru 2021 sal-llum. Saret enfasi li l-Viċi Sindku Ivan Cefai u l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ma għandhom xejn kontra li jitqabbad Joseph Sancto iżda li l-Kunsill għandu liġijiet li jrid iżomm magħhom.

## 46.8 Aġġornament fuq Triq it-28 ta' April 1688

46.8.1 Is-Sindku qal li l-perit aġġorna l-*Bill Of Quantities* minħabba li l-prezzijiet ta' xogħol bħal dan għolew. Dan id-dokument aġġornat intbgħat il-Ministeru biex isir addendum tal-kuntratt oriġinali.

## 46.9 Materji Amministrattivi

46.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma li bħalissa l-Kunsill għadu qiegħed jistenna *review* tas-sena finanzjarja 2020 mingħand l-*Audit Team*. Il-Kunsill għadda t-tagħrif kollu mitlub, issa dan irid jiġi mifli minn *Audit Partner* biex jiġi deċiż hux meħtieġ aktar informazzjoni min naħa tal-Kunsill.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

46.9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li kellu laqgħa mad-Direttur (Cultural Heritage) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Is-suġġetti mqajma f'din il-laqgħa kienu l-wirja "*On the Road*" organizzata mill-istess Direttorat u skedata għal din is-sena, kif ukoll opportunitajiet għal finanzjament tal-QIFF

46.9.3 Ġiet ippreżentata stima mis-sur Ronald Mifsud għal xogħol ta' tiswija fil-Librerija. Il-Kunsilliera qablu ma din l-istima.

46.9.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li ġie ffirmat il-Kuntratt għal kera tal-art li fuqa hemm iċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kuntratt ta' qabel kien ilu li skada minn Ġunju tal-2019. Ġiet trattata invoice mid-dipartiment tal-Lands għal kera taċ-Ċentru Ċiviku għas-snin 2019-2022 u jammonta għal €14,700. Is-Sindku talab li ssir laqgħa biex dan il-kont jiġi diskuss.

## 46.10 Korrispondenzi

46.10.1 Email mill-*JP2 Foundation* dwar Kunċert ta' Echo String Ensamble fejn intalab sponsorship ta' €200. Il-Kunsill qabel ma dan.

46.10.2 Email mill-Kav Joe M Attard, li ħa jippublika ktieb ta' poeziji u talab *sponsorship*. Il-Kunsill qabel li jinxtraw kotba b'valur ta' €200.

46.10.3 Email minn Mobility Malta, dwar sejħa għal proposti dwar ħolqien ta' spazju pubbliku permezz ta' *citizen engagement*.

46.10.4 Email mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, dwar l-iskema għal *community engagement* li għaliha l-Kunsill kien applika biex jingaġġa persuna bi bżonnijijet speċjali. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li t-talba tagħna ma ġietx milqugħa għaliex it-talbiet ġew ikkunsidrati fuq bażi ta' *first come first served*.

46.10.5 Ittra mill-Oasi għal Konferenza li se ssir fit-28 ta' Mejju bl-isem: "Ix-Xogħol u l-*addiciton*".

46.10.6 Email mingħand is-Sur Fenech dwar laqgħa li ser issir fid-19 ta' Mejju dwar laqgħa fil-Kunsill tas-Swieqi dwar "EU Funding Opportunities for Youths".

46.10.7 Email mill-BOV dwar bdil fic-*charges* għal kontijiet b'bilanċji għoljin.

47.10.8 Email mingħand is-Sur Fabian Galea ta' Reġjun Għawdex, dwar korsijiet tal-*Lifelong Learning* 2022-2023.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

47.10.9 Email mill-Assoċċazzjoni għal Kunsilli Lokali dwar proġett pilota ta' ġbir ta' skart organiku minn stabbilimenti tla-ikel f'zoni turistiċi.

47.10.10 Email mins-Sa Mary Rose Bonnici, dwar *internaitonal day of awareness* għal tliet kundizzjonijiet ta' saħħa, fejn il-Kunsill intalab jixgħel il-faċċata kulur roża jew blu f'jum it-tfakkira. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 46.11 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

46.11.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar l-għeluq tal-pjazza, biex jiġi ssetjat *meeting* mas-sidien ta' fil-pjazza. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' ma dawn l-istabilimenti nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju fl-4:30pm. Il-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb jikkuntattja lil dawn l-istabilimenti f'dan ir-rigward. Ġie propost li l-ewwel li tingħalaq ikun fit-2 ta' Lulju.

46.11.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 04/2022. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.

## 46.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.11.2 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-1918. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-2 ta' Ġunju 2022 fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| (IFFIRMAT) | (IFFIRMAT) |
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Lorne Cremona<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt